MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Numru 644/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**
**v**

**EMANUEL BONAVIA**
**GUSEPPI DAMATO**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **EMANUEL BONAVIA** ta' sebgha w tlietin sena bin Grazio u Paula nee Xuereb, imwieled Pieta nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 1962 u residenti 'Fatima House', Triq Guseppi Hyzler, Mosta u detentur tal-karta tal-identita numru 17663M u **GUSEPPI DAMATO** ta' hamsin sena bin Mikiel u Josephine nee Darmanin, imwieled Zurrieq nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1950 u residenti 'Warda tax-Xemx' Triq il-Plejju, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 506150M gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar l-erbatax ta' Dicembru 1998 ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu, gewwa Hal Qormi, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew

b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw l-mewt ta' Vincent Bugeja minn Hal Qormi skond kif ccertifika Doctor Marcel Schembri MD tac-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi.

Semghet lil imputati jwiegbu li m'humiex hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom fis-seduta tal-ewwel ta' Dicembru 2000 kif jirrizulta a fol 18 tal-atti.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta' Lulju 2001 kif esibiti fl-atti tal-process a fol 200.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita skond il-verbal tas-seduta tat-tmienja ta' Ottubru 2001 a fol 205 tal-atti odjerni.

**Rat c-certifikat tal-mewt tal-imputat Guseppi Damato** esibit fl-atti a fol 239A datat erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2003 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz fil-kofnront tieghu **u tiddikjara dan il-procediment ezawrit fil-konfront tal-imputat Guseppi Damato**.
Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ewwel ta' Settembru 2004 fil-konfront tal-imputat Emanuel Bonavia.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro nhar t-tletin ta' Marzu 2000 esibit a fol 24 et seq tal-atti.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2000 xehed l-Ispettur, illum Supretendent Paul Camilleri** kif jirrizulta a fol 8 et seq tal-atti odjerni fejn qal li nhar l-erbatax ta' Dicembru 1998 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghodu, l-Pulizija kienu rcivew informazzjoni li f'Hal Qormi f'bini taht kostruzzjoni, kien waqa ragel gholi ta' xi hames sulari. Huwa ghalhekk mar jinvestiga l-kaz fuq il-post fejn rrizultalu li certu Vincent Bugeja kien qed jahdem fuq bejt

bl-uzu ta' *dumper* u jigbor t-terrapien minn go *crane* u jpoggih mal-art meta f'daqqa wahda baqa sejjer bid-*dumper*, faqa l-opramorta tal-bejt u baqa niezel gholi ta' effettivament sitt sulari. Fuq il-post kien hemm Doctor Marcelle Schembri li ccertifika lil dan Vincent Bugeja bla hajja pero ma kienx jaf l-kawza tal-mewt tieghu. Vincent Bugeja kien qed jahdem ma hatnu Joseph Damato u li ma kienx haddiem tieghu regolari, izda kien hadu mieghu dakinhar ghaliex ma kellu lil hadd li jsuq d-*dumper*. Dan ix-xhud qal wkoll li mill-investigazzjoni li ghamel rrizulta li d-*dumper* in kwistjoni kien proprjeta tal-imputat Emanuel Bonavia u meta dan Emanuel Bonavia selfu lil Joseph Damato staqsih jekk is-sewwieq tieghu kienx jaf juzah u meta telghu fuq l-bejt, Emanuel Bonavia mar biex jara lis-sewwieq juzah u jidrah '*to get acquainted to*' [vide fol 10 tal-atti]. Irrizultalu li kien hemm certu Pascal Schembri li kien boghod minn dan Vincent Bugeja xi mitt pied u meta dawar wiccu ghax semgha xi hsejjes mhux mornali, ra d-*dumper* jaqbez ic-cnagen li kienu ghamluhom huma stess biex meta jitla l-*crane* bil-bajla tieghu dan jizvojtah dejjem mill-istess post. Dan l-incident rah wkoll Joseph Damato u t-tnejn li huma bdew jghajjtu lil Vincent Bugeja biex jaqbez mid-*dumper* u hu nizel izda huwa ma qabizx u spicca mejjet fid-*dumper* gol-hajt tal parapett. L-allura Spettur Paul Camilleri kellem wkoll li *crane operator* Mario Bondin u lil Gaetano Grima li kien qed igib t-terrapien permezz tar-*readymix* u t-tnejn qalulu li raw d-*dumper* jifqa l-opramorta u jibqa nizel ghal isfel. Skond ma rrizulta Vincent Bugeja kien impjegat ta' Joseph Damato u Emanuel Bonavia kien kera d-*dumper* lil Joseph Damato billi gabulu minn xi garaxx li hemm f'bini taht kostruzzjoni f'Tas Sliema, lejliet l-incident ghaliex kien qed jintuza hemmhekk. Dan ix-xhud kellem wkoll lil imputat Emanuel Bonavia u dan qallu wara li nghata s-solita twissija, li qabel ma silfu d-*dumper* kien ipprovah u meta gie mistoqsi jekk il-brekijiet kienux jahdmu huwa wiegbu fl-affermattiv.

**Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2000 xehed PS 130 Ivan Cilia** kif jirrizulta a fol 141 et seq tal-atti odjerni fejn ikkonferma l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument CSH 4. Minn ezami ta' din l-okkorrenza

jirrizulta li l-vittma kien qed jahdem fuq *dumper* fuq bejt ta' sit taht kostruzzjoni flimkien ma Joseph Damato u Paskal Schembri u xhieda okulari tal-incident kien hemm Mario Bondin u Gejtu Grima. Huma sejhu lil Doctor M. Schembri sabiex jinvista lil vittma.

**Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2000 xehed Doctor Marcel Schembri** kif jirrizulta a fol 175 et seq tal-atti odjerni fejn qal li huwa kien ccertifika lil Vincent Bugeja bhala mejjet u dan f'New Street in Mill Street, Hal Qormi. Jiddeskrivi lil Vincent Bugeja bhala li kien minxur mal-art, hdejh kien hemm *clipper*, kien liebes hwejjeg tax-xoghol u deher bla sinjali ta' hajja u dan kien fl-erbatax ta' Dicembru 1998.

**Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2000 xehed Mario Bondin** kif jirrizulta a fol 151 et seq tal-atti odjerni fejn qal li huwa dakinhar tal-incident kien qed jahdem ta' *crane driver* u xogholu kien li jtellgha t-torba ghal fuq il-bejt. Fuq is-sit dakinhar kien hemm Joseph Damato u Pascal Schembri. Dan ix-xhud qal li f'hin minnhom hu qallu biex inizzel l-bajla u huwa jtellgha l-gib biex inizzel l-bajla. Hares, ra x-xoffa tad-*dumper* hierga 'l barra w imbaghad d-*dumper* niezel. Huwa nizel minn gol *crane* u mar jigri 'l hemm ghaliex bezgha. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd vicin l-opramorta meta d-*dumper* faqa c-cint huwa wiegeb li ma ra lil hadd pero l-vista tieghu minn isfel hija limitata. Dan ix-xhud jghid li kien ipprova d-*dumper* qabel ma beda juzah Vincent Bugeja dakinhar stes fuq il-bejt u huwa sabu tajjeb bil-brekijiet jahdmu. Tant li l-pedala darba biss kien jippumpjha biex jtellgha l-arja. Ghalih d-*dumper* kien qed jahdem normali. Huwa jghid li huwa dilettant tal-ingenji.

**Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2000 xehed Pascal Schembri** kif jirrizulta a fol 154 et seq tal-atti odjerni fejn qal li dakinhar tal-incident in kwistjoni meta tilef hajtu Vincent Bugeja, huwa kien qed jaghmel xi xoghol fuq it-torba tal-istess bejt fejn kien qed jahdem Vincent Bugeja. Fil-fatt kien qed jahdem mal-kunjatu tieghu Joseph Damato. Qal li din kienet l-ewwel darba li ra lil Vincent Bugeja jaghmel xoghol maghhom bl-uzu tad-*dumper*. Qal li pero li l-imputat Vincent Bugeja ma kienx fuq il-post fejn sehh l-incident. Dan ix-xhud kompla jghid li x-xoghol dakinhar bdewh fit-tmienja ta' filghodu u l-incident sehh ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu. Vincent Bugeja kien ipprova d-*dumper* qabel ma beda jahdem bih u fil-fatt anke Mario Bondin ippruvah. Dan ix-xhud jispjiega li kienu poggew zewg kartuniet fuq il-bejt fejn kellu jieqaf d-*dumper* biex iserrah mieghu. Fid-daqqa w l-hin, kompla jghid dan ix-xhud, semgha lil Joseph Damato jghid "*Aqbizlu …*" b'referenza ghad-*dumper* li kien go fih w imbaghad ra d-*dumper* niezel. Huwa ghatta wiccu u hassu hazin u haduh l-isptar.

**Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 2001 xehed Gaetano Grima** kif jirrizulta a fol 194 et seq tal-atti odjerni

fejn qal li ix-xoghol tieghu dakinhar tal-erbatax ta' Dicembru 2002, kien bir-*readymix*. Qal li huwa kien ma gemb it-truck tar-*readymix* u fid-daqqa w l-hin ra opramorta tinfetah. Xogholu kien li jitfa t-torba li kellu fit-truck gol-bajla tal-*crane* u l-*crane* jtellgha l-bajla fuq il-bejt. Wara li ra l-pramorta tinfetah, ra d-*dumper* niezel b'persuna go fih.

**Illi nhar t-tnejn ta Lulju 2002 reggha xehed Joseph Zammit** kif jirrizulta a fol 212 et seq tal-atti odjerni fejn qal li d-*dumper* in kwistjoni jtellgha mill-hofra fejn kien fuq struzzjonijiet tieghu waqt li kien presenti. Mistoqsi jekk il-brekijiet tad-*dumper* gewx uzati qabel l-incident l-espert wiegeb "*il-brekijiet kienu jiffunzjonaw. Kieku gew applikati, l-incident ma kienx isehh*." Fil-fatt zied jghid li x-xoghol kien ilu isir u d-*dumper* ha xi rankaturi qabel u kieku il-brekijiet ma kienux jiffuzjonaw, l-incident kien jigri qabel. Dan ix-xhud qal li biex waqqhet l-opramorta, kien hemm rankatura kbira bil-magna mhux *free wheeling*. Qal wkoll li *brake marks* fuq il-bejt ma sabx. Fuq il-bejt pero kien hemm knaten li kienu hemm bhala marki li jindikaw sa fejn kellu jasal id-*dumper*. Qal wkoll li l-*brake fluid* fil-vettura kien mahmug u minhabba f'hekk ma kienx qed jzomm pressjoni u bhala rizultat il-*master cylinder* ma kienx qed jiffunzona tajjeb. Qal li l-*brake fluid* kien ilu ma jigi mibdul ghaliex il-hmieg li kien hemm kien maghqud. Dan ix-xhud kompla jghid pero li minhabba dan d-difett, jekk Vincent Bugeja ghafas il-pedala, ma kienx ser isib brejkijiet minhabba d-difett fuq imsemmi. Is-sistema fir-roti kien tajjeb u l-kundizzjoni tad-*dumper* kien tajjeb apparti l-kwistjoni tal-brejkijiet. Dan ix-xhud qal li dan d-*dumper* kien qed jintuza fuq lantijiet tax-xoghol ohra.

**Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2001 xehed il-Perit Richard Aquilina, nominat fl-inkjesta bhala espert tal-Qorti,** kif jirrizulta a fol 183 tal-atti odjerni fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti, fejn fil-fatt fiha kkonkluda li fil-fehma tieghu, l-incident sehh ghaliex il-persuna li kienet qed issuq d-*dumper* ma kienetx hadet il-prekawzjonijiet mehtiega biex f'kaz ta' xi malfunzjoni fid-*dumper*, dan ma jkunx jista jibqa sejjer ghal isfel. [vide fol 94 tal-atti odjerni.

**Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2001 xehed Doctor Michael Sammut** kif jirrizulta a fol 163 tal-atti odjerni fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu markata bhala dokument MS li tinsab inserita a fol 79 tal-process verbal. Dan l-espert ikkonkluda li l-livell ta' alkohol fid-demm tal-mejjet Vincent Bugeja kien ta' livell normali u cioe ta' inqas minn 10mg/110mg cioe livell misjub f'persuna li ma tixrobx alkohol u tracci ta' drogi u medicinali fid-demm, huwa ma sabx.

**Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2001 xehdet l-Professoressa Marie Therese Camilleri** kif jirrizulta a fol 167 tal-atti odjerni fejn ikkonfermat r-relazzjoni taghha li tinsab inserita a fol 60 et seq tal-atti. Mill-ezami nekroskopiku li sar jirrizulta li l-kawza tal-mewt ta' Vincent Bugeja kienet "*blunt force trauma of the chest*."

**Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 xehed l-imputat Enanuel Bonavia** kif jirrizulta a fol 234 et seq tal-atti odjerni fejn ikkonferma li d-*dumper* involut fl-incident kien tieghu. Qal li qabel ma ta d-*dumper* lil Joseph Damato, kien ittestjah u deher tajjeb. Huwa jghid li l-brekijiet fuqu kienu tajbin. Spjiega li qabel ma ta d-*dumper* lil Joseph Damto, dan kien qed jintuza minn Amante Bartolo li kien qed jaghmel xoghol fuq rampa gholja u ma kellux problemi. Dan Amante Bartolo, li mhux haddiem tieghu, qallu li d-*dumper* hadem bih b'mod regolari u minghajr problemi. L-imputat ikkonferma li huwa kien jghamillu manutenzjoni necessarja kull tlett jew erbgha xhur, skond kemm ikun hadem bih.

**Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2004 xehed Amante Bartolo, prodott mid-Difiza,** kif jirrizulta a fol 236 tal-atti odjerni fejn ikkonferma li huwa kien silef d-*dumper* involut f'dan l-incident fil-bidu tax-xoghol ta' Dicembru 1998 u fil-fatt, kien uzah ghal xi xoghol fit-telgha tas-Savoy ta' Tas Sliema. Qal li kienu jinzlu tlett sulari, jgorr l-konkos u jaghmel xi xoghol bih minghajr problemi. Mistoqsi jekk ghandux konoxxenza tal-imputat dan ix-xhud wiegeb fin-negattiv u qal li lanqas mieghu ma jahdem.

**Ikkunsidrat:**

Illi principalment l-imputat gie akkuzat b'omicidju nvoluntarju tal-persuna ta' Vincent Bugeja. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha l-ewwel taghti tifsira dettaljata tar-reat ta' omicidju nvoluntarju stante l-gravita tal-kaz u anke ghaliex wara jkun aktar facli li din l-istess Qorti tapplika l-fatti mal-ligi.

In-natura tar-reat ta' omicidju nvoluntarju gie ezaminat fil-fond fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Richard Grech** u sussegwentement f'sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti u cioe mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tarcisio Fenech**.

L-omicidju kolpuz hu trattat fil-ligi taghna fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali gia l-artikolu 239 fl-Edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici. ***Fis-sentenza taghha tal-erbgha ta' Frar, 1961*** **fl-ismijiet Il-Pulizija v Perit Louis Portelli,** ***il-Qorti Kriminali sedenti l-Imhallef Joseph Flores***, kienet espremiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward dan r-reat bis-segwenti:

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta voluntarja negligenti - konsistenti <u>generikament</u> f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza), jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti <u>specifikatament</u> f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita, minn event dannuz involuntarju. Ghandu jigi premess li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta effittivament adoperata ma dik ta' persuna li s-sapienza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kiterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghal gudikant, jhallih fl-istess hin liberu li*

*jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.* [Kollez. Deciz Vol. XLV iv 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti].

*"Kif spjiega l-gurista taljan* ***Francesco Antolisei****, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrjan jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato ad altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimoprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice improvera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi"* [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323]

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew*

*teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika). In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita."*

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:

"*Kif jispjiega l-gurista* ***Francesco Carfora*** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) *jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun* <u>*prevedibbli*</u> *ghalkemm* <u>*mhux prevista*</u>*; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun*

*qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta."*

Infatti d-definizzjoni klassika tal-Colpa Criminale, tibqa dik moghtija mill-**Carrara** (Vol.  pt. Generale) b'dan il-kliem:

"*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto"* (para 8 pg. 114).

Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni tal-colpa fil-kriminal:

"*Oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;*
*a. la volontarieta dell'atto;*
*b. mancata previsione dell'effetto nocivo;*
*c. possibilita di prevedere.*

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :

"*La colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*"  (pagna 228, para. 32.)

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli.  Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa.  Kif gie ***deciz nhar s-sbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef  Harding*** li

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid:

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with*

*regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Frar 1958***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Vella**, gie ritenut li:

"*…Tkun xi tkun d-definizzjoni tal-kolpa jibqa dejjem illi l-elementi taghha huma voluntarjeta tal-atti w in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux jijunu prevedibbli hlief d-diligenza straordinarja, il-ligi ma tezigix u li se mai tista ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kolpa tista tikkonsisti anke f'imprudenza b'mod li min jikkommetti atti imprudenti, avolja huwa ma ried jaghmel haga ohra hlief dawk l-atti u ma pprevediex li dak l-att setgha jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa fi htija ghax setgha jipprevedi dawk il-konsegwenzi. S'intendi, imbaghad fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet mizurabbli ghas-sekonda tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena.

Punt iehor interessanti u relatat ma dan il-kwistjoni hu dak trattat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Lulju 1995*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Friggieri**, fejn gie ritenut li:

*"Fil-kamp ta' reati nvoluntarji, il-fatt li persuna tkun traskurata f'mumenti qabel incident, ma jfissirx li kien*

*traskurat meta jigri l-fatt. Dak li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kaz ta reat involuntarju, hu li tirrikorri kondotta voluntarja negligenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita minn event dannuz involuntarju."*

Illi l-intenzjoni ta' Emanuel Bonavia kienet wahda biss li Joseph Damato jaghmel uzu mid-*dumper*; qatt ma setgha jimmagina li Vincent Bugeja kien ser imut bih. Tant hu hekk li lanqas Vincent Bugeja, Mario Bondin, Pascal Schembri u Joseph Damato ma hasbu hekk ghaliex fil-fehma taghhom, hadu l-prekawzjonijiet sabiex jevitaw dan l-incident billi poggew xi kanaten f'tarf il-bejt.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma qabadx u ghalaq ghajnejh u silef id-*dumper* kiesah u bired, izda wera interess fil-kirja tad-*dumper* u ezercita d-diligenza kollha uzata mill-*bonus pater familias*.

Illi l-incident in kwistjoni zgur ma sehhx minhabba xi agir tal-imputat ghaliex l-obbligazzjoni li kellu l-imputat hi li jiehu hsieb l-ingenji tieghu.

In oltre jghid li kien jaghti servizz regolari lid-*dumper*, kull tlieta jew erbgha xhur skond il-bzonn. Issa l-perit tekniku qal li l-brekijiet ma kienux qed jiffunzjonaw filwaqt li Mario Bondin qal li ppruvah qabel l-incident u l-vittma kien ilu juzah ghal perjodu ta' saghtejn shah qabel l-incident u kull darba li wasal sa mal-*crane* kellu jieqaf biex jizvojta d-*dumper* u ghalhekk zgur li sa dak l-hin il-brekijiet kienu qed jahdmu.

Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Arkitett Richard Aquilina li l-haddiema li kienu qed jahdmu fuq is-sit ma hadux l-prekawzjonijiet mehtiega biex f'kaz ta' xi malfunzjoni fid-*dumper* dan ma jkunx jista jibqa sejjer ghal isfel kif fil-fatt gara pero ghal tali nuqqas zgur mhux l-imputat li ghandu jirrispondi li lanqas biss kien fuq il-post meta sehh l-incident u zgur ma kienx responsabbli ghal haddiema ghax ma kienux impjegati tieghu.

**Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat EMANUEL BONAVIA hati tal-akkuza kif addebitata lilu u tilliberah minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------